MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 94

13 ta' Frar, 2019

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.48 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea– Viċi Sindku
Joseph Bajada – Kunsillier
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Margaret Said – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Marie Georgette Spiteri – Ambaxxattriċi għaż-Żgħażagħ

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

**Aġenda Nru. 94**

94.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
94.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 93 – 8;
94.3 Rapport ta' kull kwart Ottubru – Diċembru 2018;
94.4 Rapport Finanzjarju Amministrattiv 2018;
94.5 L-Estimi Annwali 2019;
94.6 Komunikazzjoni mis-Sindku;
94.7 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
94.8 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
94.9 Triq Sannat – L-Offerta;
94.10 Il-Karnival f'Ta' Sannat 2019;
94.11 Ħatra ta' Data Protection Officer;
94.12 Jum Sannat 2019 – Premju Ġieh Sannat – Rikonoxximent taż-Żgħażugħ/a tas-sena;
94.13 Ilmenti u Suġġerimenti;
94.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 2/2019;
94.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

Is-Sindku qal li d-data ta' din il-laqgħa kellha ssir illum minflok nhar it-Tnejn 18 ta' Frar 2019 peress li sa dakinhar is-Segretarju Eżekuttiv irid jibgħat ir-Rapport Finanzjarju Amministrattiv 2018 lill-Awdituri, lid-Direttur - Dipartiment għall-Gvern Lokali u lill-Awditur Ġenerali (NAO) biex b'hekk dan ir-rapport jasal fil-ħin. Għal dan is-Sindku rringrazzja lill-Kunsilliera preżenti.

## 94.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

94.1.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ infurmat lill-Kunsill li ma setgħex tattendi għall-laqgħa tal-lum.

## 94.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti

94.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa preċidenti Nru. 93 – 8 li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi u b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 94.3 Rapport ta' kull kwart Ottubru – Diċembru 2018

94.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għal din il-laqgħa stieden u ntalbet tattendi l-Accountant tal-Kunsill biex tispjega dan ir-rapport u r-rapporti oħra li jinsabu fl-Aġenda tal-lum. Dan ir-rapport kien intbgħat permezz tal-imejl lill-Kunsilliera. Dan ġie spjegat wkoll mill-Accountant u wara li ġie approvat mill-Kunsill ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segrtarju Eżekuttiv.

## 94.4 Rapport Finanzjarju Amministrattiv 2018

94.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill biex l-Accountant tispjega, r-Rapport Finanzjarju Amministrattiv 2018 fejn għalkemm il-Kunsill għandu d-dejn ikkontrollat fuq il-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv u fuq xi toroq, din is-sena l-Kunsill qed b'surplus bl-ammont ta' €13901. Wara li dan ir-rapport ġie moqri u spjegat fid-dettal mill-Accountant, dan ġie approvat unanimament mis-Sindku, mill-Viċi Sindku u l-Kunsillieri. Il-Kunsilliera Cassar Sultana talbet spjegazzjoni għalfejn minn naħa tal-Awditur Ġenerali l-Kunsill tagħna dejjem jidher bid-dejn. Is-Segretarju Ezekuttiv flimkien mall-Accountant taw spjegazzjoni dwar dan. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw dan ir-rapport biex jintbgħat fil-ħin lill-Awdituri, lill-Awditur Ġenerali u lid-Direttur – Dipartiment għall-Gvern Lokali.

## 94.5 L-Estimi Annwali 2019

94.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv reġa talab lill-Kunsill biex l-Accountant tispjega l-Estemi Annwali 2019. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill biex nimxu kemm jista jkun ma dan il-baġit. Il-Kunsill qabel ma dan u dan ġie approvat. Il-Kunsill irringrazzja lill-Accountant tax-xogħol u l-pariri tagħha u wara din ħalliet il-kamra tal-laqgħat biex titkompla din il-laqgħa.

## 94.6 Komunikazzjoni mis-Sindku

94.6.1 Is-Sindku qal li għalkemm il-Kunsill għadu qed jistenna r-riżultati tal-iskema ta' għajnuna għal attivitajiet kulturali fil-gżira Għawdxija fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fejn il-Kunsill Lokali

applika għal żewġ attivitajiet separati, għal dik tal-Għid is-sotto-kumitat tal-Kunsill diġa beda jaħdem fuq din l-attivita' dan peress li ż-żmien biex jittella' dan l-musical huwa wieħed qasir wisq.

94.6.2 Is-Sindku qal li kif kien intqal fil-laqgħat preċidenti dwar il-Kuntrattur Road Construction Ltd. fejn saru ix-xogħolijiet fil-wiċċ ġdid bit-tarmak fi Triq l-20 ta' Lulju dan ix-xogħol f'din it-triq sar ħażin peress li partijiet mill-wiċċ bit-tarmak qed jinqala. Hu qal li fuq il-post attenda hu, l-Perit tal-Kunsill, il-Kuntrattur u l-Perit tal-kumpanija fejn intalab li dan għandu jinqala u jsir mill-ġdid. Is-Sindku qal li għandu jibda l-major patching fi Triq Saguna.

94.6.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar Sqaq Dun Nastas fi Triq Ta' Ċenc u x-xogħolijiet ta tisbiħ fi Triq l-Isqof Davide Cocco Palmieri l-Kunsill għadu qed jistenna mingħand id-DEPF (Planning Authority). Hu qal li dwar Triq l-Isqof Davide Cocco Palmieri qed nitolbu biex tingħata kwotazzjoni għas-sistema l-ġdida tal-funtana u tad-dwal tagħha.

94.6.4 Is-Sindku qal li x-xogħolijiet tal-ħadid tal-fencing tal-playing field fi Triq it-Tabib Anton Tabone u Triq Marziena minn fondi li kienu ġew miksuba tal-U.I.F. (Planning Authority) issa tlesta u għandu jiġi ordnat il-gate. Il-bandla għal persuni bi bżonnijiet speċjali ser tiġi ordnata u għandha tiġi nstallata meta tasal minn barra f'xi Marzu. Is-Sindku ssuġġerixxa li f'parti fi spazju li hemm vojt minn dan il-playing field il-Kunsill għandu jikkunsidra li jitwaħħal apparat ta' outdoor gym biex dawk l-addoloxxenti u l-ġenituri li jkunu qed jakkumpanjaw lit-tfal ikunu jistgħu jgħamlu wżu minn dan l-apparat biex b'hekk huma jgħamlu ukoll eżerċizju fiżiku li hu tant rrakkomandat għas-saħħa u l-ħajja ta' kulljum. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Kunsilliera Cassar Sultana żiedet tgħid li f'dan il-playing field ma hemmx dawl biżżejjed. Is-Sindku qal li wieħed għandu jara jekk il-floodlights li hemm installati mall-fanali hux qed jixgħelu.

94.6.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Segretarju Eżekuttiv infurmah li l-Kunsill ircieva imejl mingħand Infrastructure Malta fejn talbu l-preżenza tagħna għall-laqgħa li saret apposta l-bieraħ fejn ġie mħabbar li l-moll li qed jiġi ddeterjorat bl-elementi naturali fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini u l-parti bis-siment li hemm fl-istess bajja ser jiġu rranġati fil-ġimgħat li ġejjin. Il-Kunsill faħħar din l-inizjattiva.

94.6.6 Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv infurmaħ li l-Kunsill irċieva imejl mingħand il-Malta Communications Authority fejn it-talba tal-WIFI fil-playing field fi Triq Marziena hemm il-ħtieġa li jiġi nstallat antenna mall-ħajt tal-iskola primarja. Is-Segretarju Eżekuttiv diġa kiteb għal permess ta' dan lill-Kap tal-iskola u ġab il-permess mitlub bil-kundizzjonijiet rikjesti mill-Perit tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u b'dan se jiġu nfurmati l-MCA.

94.6.7 Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali avża lil GreenPak biex ineħħi l-Bring In Sites fi Triq Ta' Xagħman peress li hemm applikazzjoni li se jsir xi kostruzzjoni fejn dawn kienu nstallati. Il-GreenPak aċċettat u dawn tneħħew fil-15 ta Jannar 2019. Is-Sindku qal li fi Triq Palazz Palina hemm il-ħtieġa li tiġi nstallata CCTV camera ħdejn it-tabella li hemm installata dwar il-ġbir tal-iskart peress li qed ikun hemm abbuż kontinwu u li persuni rresponsabbli mhux qed joħorġu l-iskart domestiku fil-ħin jew fil-ġurnata apposta.

94.6.8 Is-Sindku qal li l-WasteServ infurmatna li jrid isir it-tqassim tal-boroż bojod tal-iskart organiku (roll ta' boroz f'kull dar) u għaddietilna dawn. Dawn ġew imqassma mill-ħaddiema tal-CWSFE assenjati mall-Kunsill lil kull residenza fil-25 ta' Jannar 2019.

94.6.9 Is-Sindku qal li l-Plant Protection Directorate nfurmatna wara li saret spezjoni u avża lill-Kunsill Lokali li hemm palma marida fil-Playing Field u li din trid tinqala' u titneħħa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ħa azzjoni mill-ewwel u din is-siġra tal-palm tneħħiet mill-ELC.

94.6.10 Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali ġie mitlub jattendi laqgħa apposta dwar l-andament tal-ġbir tal-iskart organiku nhar it-Tnejn 11 ta' Marzu 2019. Il-Kunsill qabel u qal li r-residenti Ta' Sannat qed jirreċiklaw u jgħamlu xogħol tajjeb fil-qasam tal-iskart domestiku.

94.6.11 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li llum stess ġie ordnat il-cold asphalt biex jiġu ppeċjati ħofor f'diversi toroq fosthom Triq il-Kbira, Triq Saguna, Triq Marsilja u oħrajn.

94.6.12 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien ma s-Sur John Grima mis-sotto-kumitat tal-ġemellaġġ u grupp se jkunu fuq żjara f'Montefiascone bejn l-4 u l-11 ta' Marzu 2019. Il-Kunsill qabel li ser jħallas l-ispejjes tas- Sindku u dawk tas-Sur Grima.

94.4.13 Is-Sindku qal li ntalbet laqgħa mall-uffiċċjali tal-ARPA dwar Miżura 4.3 fuq il-kont tax-xogħol fuq Triq Bardan u fuq Miżura 4.4 dwar l-offerta tal-ħitan tas-sejjieħ.

## 94.7 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

94.7.1 Il-Viċi Sindku talbet li jsir *patching* fit-Triq tal-Gruwa u Triq Mġarr ix-Xini. Is-Sindku qal li Triq tal-Gruwa mhux patching għandha bżonn iżda li ssir b'wiċċ ġdid peress li tinsab fi stat ħażin ħafna. Il-Kunsill għandu jara minn fejn se jkun jista jakkwista l-finanzi għal Triq tal-Gruwa filwaqt li għal Triq Mġarr ix-Xini se tintalab l-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex biex dan il-patching isir ġaladarba din it-triq ma tkomplietx mill-istess Ministeru għal Għawdex fl-amministrazzjoni preċedenti.

## 94.8 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

94.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dwar is-CCTV camera fil-Ġnien tal-Bidwi ser jiġu nstallati mill-ġdid fi żmien qarib.

94.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nfurmat lill-Kunsill li nhar il-Ġimgħa 15 u s-Sibt 16 ta' Frar 2019 ser issir il-laqgħa tal-Assoċjazzjoni f'Għawdex fejn għal din ser jattendu s-Sindku u l-Viċi Sindku.

94.8.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li hu attenda għal taħriġ fuq fire warden u li hu u l-Uffiċjal Eżekuttiv ser jattendu għal taħriġ fuq l-ewwel għajnuna. Dan it-taħriġ ser isir nhar il-Ħamis 28 u l-Ġimgħa 29 ta' Marzu 2019

94.8.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ġejna nfurmati mill-prinċipal tat-TCTC li se jsiru l-korsijiet tas-Sage f'Għawdex u li dawn ser jibdew bejn l-aħħar ta dan ix xahar u l-bidu ta Marzu 2019. Għal dan il-kors ser jattendu għalih hu u l-Uffiċjal Eżekuttiv.

94.8.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ġie nfurmat mid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali li s-servizz tagħhom se jigi mnaqqas għall-sagħtejn fil-ġimgħa ċioe' nhar ta' Ħamis bejn 10.15 a.m. u 12.15 p.m. minflokk mit-8.00 a.m sa nifsinhar. Dan peress li hemm nuqqas ta' staff fid-Dipartiment.

94.8.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ġie nfurmat mill-ħaddiema tal-CWSFE assenjati mall-Kunsill li l-Ġnien tal-Bidwi għandu bżonn il-ħrit. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir mill-Għaqda tal-Armar.

94.8.7 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl.

Ċirkulari Numru 1/2019:
Onorarju dovut lill-President u Membri Eletti tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, il-President tar-Reġjuni u s-Sindki.

Ċirkulari Numru 2/2019:
Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2018

Ċirkulari Numru 3/2019:
Proċedura għall-għażla ta'skema awtorizzata tal-ġbir ta' skart riċiklat.

Ċirkulari Numru SPI 1/2019:
Inizjattiva ta' Għajnuna għall-Korsijiet *Lifelong Learning 2019/2020*

Ċirkulari Numru SPI 2/2019:
Kors – It-Tqassim tal-Ħin u l-Flus għall-Ġid ta' Saħħtek iffinanzjat mill-*PWC* b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika. Dwar din iċ-Ċirkulari il-Kunsill qabel li għandu japplika biex jippartecipa.

Ċirkulari Numru SPI 3/2019:
Fond għaż-Żamma u l-Manutenzjoni ta' Proġetti infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali

## 94.9 Triq Sannat – L-Offerta

94.9.1 Is-Sindku qal lill-Kunsill li hu kellu laqgħa fil-11 ta' Jannar 2019 mall-Ministru għal Għawdex dwar l-offerta li l-Kunsill kien ħareġ għat-tieni darba dwar il-pavimentar mill-ġdid ta' Pjazza Santa Margerita. Hu qal li kif kien wiegħed fil-Kunsill fl-aħħar laqgħa preċedenti kien ċar u konċiż dwar il-fatt li din l-offerta qed tiġi għola aktar minn dak stmat. Hu qal li talab lil Ministru li r-residenti Ta' Sannat ilhom snin twal jitolbu u li jkun ferm aħjar jekk issir Triq Sannat bil-fondi li diġa kiseb il-Kunsill mill-Ministeru għal Għawdex. Il-Ministru qablet u ġie ffirmat kuntratt ġdid biex għalissa l-Pjazza Santa Margerita titħalla u l-fondi li kienu ġew allokati għal dan il-proġett jiġu trasferiti biex issir din it-triq li bħal ma jaf kullħadd hija waħda fi stat ħazin ħafna. Il-Kunsill mill-ewwel ħa din l-inzjattiva u ħadem u stinka biex kemm jista jkun malajr anke bil-għajnuna tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali joħroġ din is-sejħa tal-offerta fuq is-suq. Din l-offerta li ġġib in-Numru SNTLC 01/2019 Resurfacing of Triq Sannat with hot rolled asphalt tinsab fuq is-sistema tal-ePPS u tgħalaq nhar it-Tnejn 18 ta' Frar 2019, fid-9.30 a.m. B'hekk is-Segretarju Eżekuttiv talab biex jinħatar bord tal-evalwazzjoni w aġġudikazzjoni ta' din l-offerta. Il-Kunsill ħatar lill-Accountant Pauliana Said, Il-Perit Gordon Vella u lill-Avukat Mario Scerri bħala membri tal-bord flimkien mas-Sindku bħala Chairman u s-Segretarju Eżekuttiv bħala s-Segretarju ta dan il-bord. Il-Kunsill qabel li dan il-bord għandu jiltaqa mall-egħluq ta' din l-offerta biex tiġi evalwata u aġġudikata din l-offerta kemm jista jkun malajr biex b'hekk ikun qed jonora l-kuntratt mall-ministeru għal Għawdex.

## 94.10 Il-Karnival f' Ta' Sannat – 2019

94.10.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kif kien previst fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill qal li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mat-Taqsima tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Hu qal li waqt din il-laqgħa ġejna nfurmati li bħas-sena l-oħra waqt is-serata tal-

Karnival f’ Għawdex ta’ nhar it-Tnejn tal-Karnival ser terġa tkun iffilmjata minn kru televiżiv u li din se tibda fis-6.00 p.m., għalhekk se tkun diffiċli jekk f’ Ta’ Sannat ser issir ukoll l-attivita’ tal-Karnival dakinhar biex il-kumpaniji tal-Karnival jkunu Ta’ Sannat fil-ħin. B’hekk il-Kunsill iddiskuta u ħareġ bl-idea li din is-serata ssir ġimgħa qabel is-Sibt 23 ta’ Frar, fis-7.00 p.m., quddiem il-każini tal-banda u tal-futbol. Għal din l-attivita’ għandu jinkera sound system, dwal, palk u siġġijiet. Il-Kunsill għandu jaħseb għal compere u 3 membri tal-ġurija peress li bħas-sena l-oħra ser issir il-kompetizzjoni għall-aħjar l-ewwel ħames maskarati spontanji. Il-pateċipanti li se jieħdu sehem huma:

| | |
|---|---|
| Glenn Curmi | Żifna |
| Glenn Curmi | 2 settijiet ta’ Maskli Grotteski |
| Leone Philarmonic Society | Żifna |
| Brukafen Carnival Troupe | Żifna |
| 3RIO Carnival Dance Company | Żifna |
| Soċjeta Filarmonika Santa Marija, Żebbuġ | Żifna |
| Jean Grima | Karru żgħir |
| Gozo Line Dancers | Żifna |
| Konservatorju Tal-Isqof | Żifna |
| Astra Power Boys | Żifna |
| Michael Curmi | Daqqaqa Folkloristiċi |

Wara dan il-program tal-Karnival ser tipparteċipa tribute band li se tkompli din is-serata.

## 94.11 Ħatra ta’ Data Protection Officer

94.11.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li d-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment għal Gvern Lokali bgħat jinforma lill-Kunsilli li kull Kunsill Lokali u Reġjun irid jkollu Data Protection Officer u li dan ir-rwol ma jistgħax jiġi assunt mis-Segretarju Eżekuttiv peress li dan huwa d-Data Controller. F’dan ir-rigward l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali ntervjeniet għal dawk il-Kunsilli li għandhom ħames membri u ma għandhomx staff biżżejed biex jgħamlu dan ix-xogħol u offriet l-għajuna tagħha biex impjegat mill-Assocjazzjoni jkun jista jgħati ismhu f’dan ir-rigward sakemm il-Kunsill jaħtar din il-persuna. Il-Kunsill talab l-għajununa ta dan l-Impjegat mill-Assoċjazzjoni sakemm il-Kunsill jaħtar persuna b’dan ir-rwol ta’ Data Protection Officer. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Kunsill diġa qed tagħmel xogħol ta’ Data Processor u għalhekk ma tistax tkun hi. Għalhekk il-Kunsill għandu jara lil min se jaħtar.

94.11.2 *Fit-3.00 p.m. il-Kunsilliera Maria Cassar Sultana ħarġet mill-laqgħa minħabba mpenji personali.*

## 94.12 Jum Sannat 2019 – Premju Ġieh Sannat – Rikonoxximent taż-Żgħażugħ/a tas-sena

94.12.1 Is-Sindku qal li għal Jum Sannat l-Kunsill għandu jgħamel it-talba tiegħu lis-Soċjeta’ Mużikali Santa Margerita biex itellgħu programm mużikali għal dan l-avveniment. Is-Sindku qal li bħala data l-Kunsill għandu jara waħda meta din l-attivita’ tista ssir peress li din is-sena se jaħbat il-Ħadd. Is-Sindku qal li bħas-sena l-oħra se jniedi Rikonoxximent liż-Żagħżugħ/a tas-Sena biex isir inċentiv liż-żgħażagħ biex jgħinu, jinpenjaw u jippartecipaw fl-għaqdiet kostitwiti li hawn fil-lokalita’ fl-oqsma kollha fosthom dawk soċjali, sportivi, kulturali, eċċ. Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-avviż għal Premju Ġieh Sannat u r-Rikonoxximent Żgħażugħ/a tas-Sena ser jitqassmu f’kull dar bħas-sena l-oħra. Il-Kunsill qabel ukoll li l-bord tal-għażla għal dan il-premju u r-rikonoxximent din is-sena ser ikun kompost mill-membri tal-Kunsill stess biex jevalwaw l-aħjar applikazzjoni għal dawn il-premjiet prestiġġjużi f’din il-lokalita’. Il-Kunsill għandu jitlob l-għajnuna tal-Kap tal-iskola primarja għall-użu tas-sala tal-

iskola. Għandhom jiġu ordnati compere u sound system. Bħas-snin l-imgħoddija wara din is-serata jsir riċeviment żgħir. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 94.13 Ilmenti u Suġġerimenti

94.13.1 Resident minn Triq Sannat qed jilmenta bil-qawwa kollha biex issir kurduna fl-istess triq fejn xi darba kien hemm *telephone box.* Il-Kunsill qabel u qal li din għandha ssir.

94.13.2 Is-Sindku ta' San Lawrenz issuġġerixxa li fil-programm Għawdex Illum jiġu diskussi l-irħula tagħna minn aspetti li mhux tas-soltu. Il-Kunsill qabel li għandu jikkunsidra din il-proposta.

94.13.3 Resident min Triq id-Daħla taċ-Ċnus talab li jsir concrete quddiem id-dar tiegħu sakemm jsir it-tarmac peress li qed jitla' ħafna ħaxix ħażin. Is-Segretarju qal li dan l-ħaxix inqata diġa mill-ħaddiema assenjati mall-Kunsill. Il-Kunsill għandu jitlob lill-MGOZ din it-talba peress li din it-triq għadha white road.

94.13.4 Rappreżentant mill-istazzjon TVM bagħat imejl dwar il-programm li ħa jsir fuq TVM ta' kuljum wara Nofsinhar sabiex jagħtu exposure lill-Kunsilli Lokali. Is-Sindku qal li jkun tajjeb li nipparteċipaw.

94.13.5 Is-Superjur tal-MUSEUM qed jitlob li jiżdied aktar dawl quddiem il-MUSEUM peress li hemm id-dlam. Il-Kunsill għandu jara jekk jistgħax iżid xi tip ta' dawl f'dan l-ispazju.

94.13.6 Health and Fitness Coach qed tistaqsi jekk hemmx faċilitajiet disponibbli fejn tkun tista torganizza fitness class għal sagħtejn darba fil-ġimgħa. Il-Kunsill għandu jara din il-proposta.

94.13.7 It-team ta' Marion Mizzi Wellbeing qed jissuġerixxu li jorganizzaw sezzjoni informattiva fuq dieta bilanċjata. Il-Kunsill qabel ma din l-inizzjattiva.

94.13.8 Fil-21 ta' Jannar 2019 resident li joqgħod fi Triq il-Kbira talab li jsir patching fl-istess triq. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

94.13.9 Fil-21 ta' Jannar 2019 resident talab li jsir patching fi Triq Marsilja. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

94.13.10 Fil-23 ta' Jannar 2019 resident talab li jsir rubbish bin żgħir ħdejn l-bankijiet li hemm fiż-żona pedonali fi Triq Skerla. Il-Kunsill qabel li dan jitwaħħal.

94.13.11 Fl-24 ta' Jannar 2019 residenta li toqgħod fi Triq Dun Xand Aquilina talbet li jitwaħħlu tabelli fl-istess triq biex ma jgħaddux trailers twal, peress li riċenti kissrula l-gallarija. Il-Kunsill għandu jara x'inhi eżatt din it-talba ma Transport Malta.

94.13.12 Fil-21 ta' Jannar 2019 resident li joqgħod fi Triq Paranji talab li ssir bankina ġdida quddiem id-dar tiegħu. Dan l-ilment sar bis-sistema lill-MGOZ.

94.13.13 Fil-21 ta' Jannar 2019 resident ieħor li joqgħod fi Triq Paranji talab li ssir bankina ġdida quddiem id-dar tiegħu. Dan l-ilment sar bis-sistema lill-MGOZ.

94.13.14 Fit-30 ta' Jannar 2019 il-Kunsill irċieva imejl mingħand Faces Consulotants fejn intalab jagħti lista tal-bus stops fejn jeħtieġu bus shelter. Il-Kunsill għandu jitlob għal waħda fi spazju fejn il-Ħotel Ta' Ċenċ, dan peress li l-bus stops l-oħra huma kollha fi triq li ma hemmx spazju fejn dawn il-bus shelters jistgħu jiġu nstallati.

94.13.15 Fl-1 ta' Frar 2019 il-Kunsill irċieva imejl mingħand persuna fejn issuġġeriet l-band 'Spirit of Smokie' għal meta l-Kunsill jkun qed jippjana attivitajiet mużikali. Il-Kunsill qal li din il-band ser tipparteċipa fil-Karnival ta din is-sena.

94.13.16 Is-Sindku qal li residenti ġodda minn Triq ta' Bebunaq kantuniera ma Triq Saguna talbu li jsiru allinjament tat-triq u ssir il-bankina wara li din il-binja tlestiet. Il-Kunsill diġa għamel it-talba lill-MGOZ dwar din it-triq u riċenti wkoll talab biex issir din il-bankina ma din il-blokka ta' appartamenti.

94.13.17 Is-Sindku qal li ġie avviċinat minn xi persuni li għandhom l-egħlieqi f'Tal-Gruwa, Ta' Saguna u Dun Luqa li għandhom il-ħitan tas-sejjieħ mwaqqa u jekk il-Kunsill jistgħax jibni dawn il-ħitan. Il-Kunsill għandu jitlob lil dawn is-sidien is-site plan eżatt u ritratti ta dawn il-ħitan fl-egħlieqi biex issir talba lill-MGOZ.

## 94.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 2/2019

94.14.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 2/2019 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 94.15 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

94.15.1 Il-laqgħa ntemmet 3.30 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 18 ta' Marzu 2019, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 18 ta' Marzu 2019

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |